

MT

MT

MT



IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussel 5.11.2010
KUMM(2010) 625 finali

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni,
skont il-punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament
Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-ġestjoni
finanzjarja soda (applikazzjoni EGF/2010/023 ES/Lear minn Spanja)**

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

Il-Punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-ġestjoni finanzjarja soda¹ jippermetti l-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (EGF) permezz ta' mekkaniżmu ta' flessibilità, fil-limitu massimu annwali ta' EUR 500 miljun 'il fuq mill-intestaturi rilevanti tal-qafas finanzjarju.

Ir-regoli applikabbli għall-għotjiet mill-EGF huma stipulati fir-Regolament (KE) Nru 1927/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi l-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni².

Fit-23 ta' Lulju 2010 Spanja ressqet l-applikazzjoni EGF/2010/023 ES/Lear għal kontribut finanzjarju mill-EGF, wara li nġataw is-sensji mill-intrapriża Lear Automotive (EEDS) Spanja, S.L. Is-Sociedad Unipersonal (minn hawn 'il quddiem 'Lear') fi Spanja.

Wara analiżi bir-reqqa ta' din l-applikazzjoni, il-Kummissjoni kkonkludiet skont l-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006 li l-kundizzjonijiet għal kontribuzzjoni finanzjarja skont dan ir-Regolament huma ssodisfatti.

SOMMARJU TAL-APPLIKAZZJONI U ANALIŻI

Dejta prinċipali:	
Nru ta' Referenza tal-EGF	EGF/2010/023
Stat Membru	Spanja
Artikolu 2	(a)
Intrapriża primarja	Lear
Fornituri u produtturi downstream	0
Perjodu ta' referenza	14.1.2010 – 14.5.2010
Data ta' bidu għas-servizzi personalizzati	20.7.2010
Data tal-applikazzjoni	23.7.2010
Sensji matul il-perjodu ta' referenza	501
Sensji qabel jew wara l-perjodu ta' referenza	14
Sensji totali eliġibbli	515
Ħaddiema bla xogħol fil-mira għas-sostenn	508
Nefqa għas-servizzi personalizzati (EUR)	584 000
Nefqa għall-implimentazzjoni tal-EGF3 (EUR)	40 000
Nefqa għall-implimentazzjoni tal-EGF (%)	6,8
Baġit Totali (EUR)	588 000
Kontribuzzjoni tal-EGF (65 %) (EUR)	382 200

1. L-applikazzjoni tressqet quddiem il-Kummissjoni fit-23 ta' Lulju 2010 u kienet sostnuta b'taġhrif addizzjonali fl-10 ta' Awwissu 2010.
2. L-applikazzjoni tissodisfa l-kundizzjonijiet għall-użu tal-EGF kif stabbilit fl-Artikolu 2(a) tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006, u tressqet fi żmien il-perjodu speċifikat ta' 10 gimġhat imsemmi fl-Artikolu 5 ta' dak ir-Regolament.

¹ ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1.

² ĠU L 406, 30.12.2006, p. 1.

³ Skont it-tielet paragrafu tal-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006.

Ir-rabta bejn is-sensji u t-tibdiliet strutturali ewlenin fl-andament tal-kummerċ dinji minħabba l-globalizzazzjoni jew il-kriżi finanzjarja u ekonomika globali

3. Sabiex tiġi stabbilita r-rabta bejn is-sensji u l-kriżi finanzjarja u ekonomika globali, Spanja tisħaq li din il-kriżi poġġiet pressjoni partikolari fuq is-settur awtomotiv madwar id-dinja. Il-Kummissjoni diġà għarfet li, billi xi 60-80 % (dan jiddependi mill-Istat Membru) tal-karozzi l-ġodda fl-Ewropa jinxtraw bl-ġhajna tal-kreditu, il-kriżi finanzjarja li kkaġunat it-tnaqqis fir-ritmu ekonomiku laqtet l-industrija awtomotiva b'mod partikolarment sever⁴. Fit-tieni kwart tal-2009, wara 12-il xahar suċċessiv ta' tnaqqis, il-produzzjoni totali tal-vetturi fl-UE kienet 39,5 % inqas minn dik tas-sena preċedenti. It-tnaqqis fir-ritmu ekonomiku affettwa severament lill-manifatturi tal-karozzi ewlenin fis-suq Ewropew⁵ kif ukoll lill-fornituri tagħhom.
4. Il-kriżi finanzjarja u ekonomika globali kellha impatt serju fuq id-domanda għall-vetturi fi Spanja u fis-swieq ta' esportazzjoni tagħha. Fl-2008 r-reġistrazzjonijiet tal-karozzi ġodda fi Spanja naqsu bi 28 % meta mqabbel mas-sena preċedenti, l-aktar minħabba l-kundizzjonijiet ta' kreditu stretti, il-fiduċja baxxa ħafna tal-konsumaturi u t-tnaqqis kontinwu tal-poter tal-akkwist tal-konsumatur. Barra minn dan, in-natura globali tal-kriżi wasslet ukoll għal tnaqqis ta' 9,6 % fil-bejgħ għall-vetturi mmanifatturati fi Spanja u mibjugħa barra mill-pajjiż. Billi s-settur Spanjol tal-karozzi jesporta 85 % tal-produzzjoni tiegħu, l-aktar fl-UE, dan it-tnaqqis kemm fl-esportazzjonijiet kif ukoll fid-domanda domestika kellu impatt negattiv qawwi fuq l-impjiegi fis-settur awtomotiv.
5. Il-waqqgħa fid-domanda għal tagħmir elettroniku għall-karozzi, li ġiet wara t-tnaqqis fil-manifattura tal-karozzi, ikkombinata mal-impossibbiltà li jitnaqqsu aktar l-ispejjeż tal-produzzjoni, irriżultat fl-ġheluq tal-impjant tal-produzzjoni ta' Lear f'Roquetes (fil-Katalunja).

Dimostrazzjoni tan-numru ta' sensji u konformità mal-kriterji tal-Artikolu 2(a)

6. Spanja ressqet din l-applikazzjoni skont il-kriterji ta' intervent tal-Artikolu 2(a) tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006, li jirrikjedi mill-inqas 500 sensja tul perjodu ta' erba' xhur f'intrapriża fi Stat Membru, inklużi ħaddiema li jingħataw is-sensja mill-fornituri tagħha jew mill-produtturi involuti fl-istadju aħħari ta' produzzjoni.
7. L-applikazzjoni ssemmi 501 sensja fl-intrapriża Lear waħedha matul il-perjodu ta' referenza ta' erba' xhur mill-14 ta' Jannar 2010 sal-14 ta' Mejju 2010 u 14-il sensja oħra barra mill-perjodu ta' referenza, iżda relatati mal-istess proċess ta' sensji kollettivi. Dawn is-sensji kollha ġew ikkalkolati skont it-tieni inċiż tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006.

Spjegazzjoni tan-natura tal-imprevedibbiltà ta' dawk is-sensji

8. L-awtoritajiet Spanjoli jisħqu li għalkemm is-settur awtomotiv kien qiegħed jesperjenza xi diffikultajiet, l-aktar minħabba delokalizzazzjoni, anki qabel il-kriżi, l-

⁴ "Reazzjoni għall-kriżi fl-industrija awtomotiva Ewropea" COM(2009) 104.

⁵ DG Intrapriża: "Impatt tal-kriżi ekonomika fuq is-setturi ewlenin tal-UE – il-każ tal-industrija tal-manifattura u tal-kostruzzjoni". Aġġornament ta' Ġunju 2009.
(http://ec.europa.eu/enterprise/newsroom/cf/itemshortdetail.cfm?item_id=3437)

industrija awtomotiva fil-Katalunja rnexxielha tibqa' stabbli sal-bidu tal-2008. Minn dak il-mument l-industrija bdiet tħoss l-impatt tal-kriżi finanzjarja u ekonomika bi tnaqqis f'daqqa fid-domanda għal vetturi fi Spanja u madwar id-dinja. Dan it-tnaqqis fid-domanda għal vetturi u n-nuqqas fl-ordnijiet ma kienx mistenni mill-kumpaniji jew mill-gvernijiet u ġara b'rata u b'veloċità bla preċedent.

Identifikazzjoni tal-intrapriżi li taw is-sensji u l-ħaddiema fil-mira tal-għajnuna

9. L-applikazzjoni ssemmi total ta' 515-il sensja fl-intrapriża Lear waħedha, li minnhom 508 qegħdin fil-mira tal-għajnuna.

10. It-tqassim tal-ħaddiema fil-mira huwa kif ġej:

Kategorija	Numru	Persentaġġ
Irgħiel	167	32,87
Nisa	341	67,13
Ċittadini tal-UE	508	100,00
minn 25 sa 34 sena	22	4,33
minn 35 sa 44 sena	201	39,57
minn 45 sa 54 sena	228	44,88
minn 55 sa 64 sena	56	11,02
'Il fuq minn 65 sena	1	0,20

11. Tlieta mill-ħaddiema fil-mira għandhom diżabilità.

12. Fit-termini ta' kategoriji professjonali⁶ jitqassmu kif ġej:

Kategorija	Numru	Persentaġġ
Professjonisti	19	3,74
Tekniċi u professjonisti assoċjati	7	1,38
Ħaddiema fl-artiġjanat u snajja' relatati	8	1,57
Operaturi tal-impjanti u tal-magni	472	92,91
Xogħlijiet elementari	2	0,39

13. Barra minn hekk, l-awtoritajiet Spanjoli pprovdew ukoll it-tqassim li ġej dwar il-ħaddiema fit-termini tal-livelli ta' edukazzjoni⁷:

Livell edukattiv	Numru	Persentaġġ
L-edukazzjoni bażika	380	74,80
L-edukazzjoni sekondarja	77	15,16
L-edukazzjoni postsekondarja li mhix terzjarja	30	5,91
L-edukazzjoni terzjarja	21	4,13

14. Skont l-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006, Spanja kkonfermat li għet applikata u se tkompli tiġi applikata politika ta' ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel kif ukoll waħda ta' nondiskriminazzjoni, matul l-istadji varji tal-implimentazzjoni tal-EGF u, b'mod partikolari, fl-aċċess għall-EGF.

⁶ Il-kategoriji huma msejsa fuq il-Klassifika tal-Istandards tal-Impjiegi Internazzjonali ta' ċifra waħda (ISCO-88).

⁷ Il-kategoriji huma msejsa fuq il-Klassifikazzjoni tal-Istandards Internazzjonali tal-Edukazzjoni (ISCED-97).

Deskrizzjoni tat-territorju kkonċernat u tal-awtoritajiet u l-partijiet interessati tiegħu

15. It-territorju prinċipalment ikkonċernat mis-sensji huwa l-comarca (bejn wiehied u ieħor ekwivalenti għal kontea) ta' Baix Ebre li tinstab f'Terras de L'Ebre fin-nofsinhar tar-reġjun NUTS III ta' Tarragona (ES514). El Baix Ebre tgħodd 14-il municiplita', 74 962 abitanti u densita' ta' popolazzjoni baxxa ta' anqas mill-medja tal-UE (72,44 abitanti għal kull km² filwaqt li l-medja tal-UE hija ta' 112-il abitant għal kull km²).
16. L-istruttura ekonomika ta' Terras del Ebre hija differenti mill-istruttura ekonomika tal-bqija tal-Katalunja: ġo Terras del Ebre, l-agrikultura tikkostitwixxi 8% tal-impjiegi u 8,9% tal-PGD filwaqt li l-impjiegi fis-settur tas-servizzi jikkostitwixxu 59,9% u 52,5% rispettivament. Fil-Katalunja kollha, l-agrikultura tikkostitwixxi 1,2 % tal-impjiegi u 1,3 % tal-PGD u l-impjiegi fis-servizzi jikkostitwixxu 73,5 % u 68,3 % rispettivament. Barra dan, attivitajiet ta' valur miżjud għoli jikkostitwixxu biss 20 % tal-impjiegi ġo Terras del Ebre filwaqt li fil-Katalunja kollha jikkostitwixxu medja ta' 35 %.
17. L-awtorità responsabbli hija l-Generalitat de Catalunya-Departament de Treball (is-servizzi tax-xogħol tal-gvern awtonomu tal-Katalunja). Il-partijiet ikkonċernati ewlenin huma l-imsieħba soċjali li jikkostitwixxu il-bord governativ tas-Servei de Ocupació de Catalunya (l-uffiċċji pubbliċi tax-xogħol tal-Katalunja). it-trade unions il-Comisión Obrera Nacional de Catalunya u l-Unión General de Trabajadores, żewġ organizzazzjonijiet ta' dawk li jħaddmu: Foment del Treball u PIMEC⁸, u żewġ assoċjazzjonijiet li jirrappreżentaw il-kunsilli lokali tal-Katalunja. Is-Servei de Ocupació de Catalunya se jkun responsabbli għall-implimentazzjoni tal-miżuri, billi jissorvelja l-proċeduri u jikkontrolla n-nefqa.

Impatt mistenni tas-sensji fir-rigward tal-impjiegi lokali, reġjonali jew nazzjonali

18. L-awtoritajiet Spanjoli jisħqu li l-impjiegi maħluqa minn Lear kienu importanti ħafna għall-kontea ta' El Bax Ebre, li bdiet taqa' lura ekonomikament wara l-medja tal-Katalunja. Is-setturi ekonomiċi ewlenin fit-territorju kienu l-manifattura tal-għamara u l-manifattura tal-komponenti tal-karozzi. Minħabba l-kriżi ekonomika u finanzjarja, is-sitwazzjoni ddeterjorat b'mod sinjifikattiv għan-negożju tal-għamara, bir-riżultat li l-industrija awtomotiva u partikularment Lear saret ass industrijali ewlieni ta' El Baix Ebre.
19. L-għeluq ta' Lear ġab miegħu żieda ta' 4% fir-rata ta' qgħad tat-territorju, li fl-2009 kienet diġà 22,7 % filwaqt li fil-Katalunja kollha kienet 17,5 %. L-aktar municiplitajiet ikkonċernati mis-sensji ta' Lear huma Roquetes (7 000 abitant u l-post fejn Lear kien ibbażat) u Tortosa. Minħabba d-daqs żgħir taż-żewġ irħula u n-nuqqas ta' impjieg alternattiv, is-sensji f'Lear għandhom impatt lokali sinjifikanti.

Pakkett ikkoordinat ta' servizzi personalizzati li għandhom jiġu ffinanzjati u t-tqassim tal-ispejjeż stmati tiegħu, inkluża l-komplementarjetà tiegħu mal-azzjonijiet iffinanzjati mill-Fondi Strutturali

⁸ Micro, petita i mitjana empresa de Catalunya (PIMEC).

20. It-tipi ta' miżuri li ġejjin huma proposti biex jikkomplementaw il-pjan soċjali ppreżentat minn Lear biex tgħin il-ħaddiema qegħdha tagħha biex jerġgħu jintegraw fis-suq tax-xogħol.
21. Għalkemm l-ex ħaddiema ta' Lear setgħu kienu inklużi fl-applikazzjoni ta' qabel tal-EGF, EGF/2010/002ES/Cataluña automoción, kien ġie deċiż biex dan ma jsirx, minħabba li l-intrapriża kienet qabliet li tiffinanzja il-pjan soċjali stabbilit fil-punt 22. Dan il-pjan soċjali huwa anqas komplet mill-pakkett tal-EGF ippreżentat f'EGF/2010/002. Billi jressqu l-applikazzjoni preżenti, l-awtoritajiet Spanjoli għandhom fil-mira li jipprovdu lil dawn il-ħaddiema b'pakkett ta' servizzi personalizzati simili għall-pakkett propost għall-ħaddiema mkeċċija fl-istess reġjun u fl-istess settur ekonomiku u koperti mill-applikazzjoni EGF/2010/002 ES/Cataluña automoción.
22. Bħala parti mill-pjan soċjali tagħha Lear se tiffinanzja l-miżuri li ġejjin:
- Intervista fil-fond u t-tiswir ta' profili tal-ħaddiema.
 - Għajnuna għar-rikollokament: Din il-miżura tikkumbina żewġ azzjonijiet komplementari: il-mentoring matul il-proċess tal-kisba tar-reintegrazzjoni fix-xogħol, ikkumbinat ma' tfittxija intensiva għall-impjieg, inkluża riċerka intensiva għal opportunitajiet ta' impjieg lokali u reġjonali.
 - Għajnuna fit-tfittxija ta' impjieg Din il-miżura għandha fil-mira li tipprovdi lill-ħaddiema b'taħriġ relevanti (dwar it-tfittxija effettiva għal xogħol), għarfien aħjar fuq is-suq tax-xogħol u stima personali mtejbja.
 - Workshop dwar il-livell orizzontali (eż. kif tabbozza *curriculum vitae*, kif tipprepara għal intervista għal xogħol, kif tkabbar in-network tiegħek tal-kuntatti).
 - Taħriġ għal kwalifiki vokazzjonali mfassal biex jipprovdi għall-bżonnijiet identifikati tal-intrapriżi lokali.
 - Studju dwar is-sitwazzjoni ekonomika u l-opportunitajiet ta' impjieg ġo Terres de l'Ebre.
 - Promozzjoni ta' intraprenditorija: Informazzjoni u appoġġ iffokati fuq il-promozzjoni tal-inizzjattivi ta' negozju għal impjieg għal rashom.
23. Il-miżuri inklużi fil-pjan soċjali ta' Lear u t-tliet miżuri li ġejjin proposti minn Spanja għall-assistenza tal-EGF jikkombinaw biex jiffurmaw pakkett ikkoordinat ta' servizzi personalizzati mmirat lejn ir-reintegrazzjoni tal-ħaddiema fis-suq tax-xogħol.
- Inċentiv għall-parteċipazzjoni: Biex tiġi nkoraggjata l-parteċipazzjoni f'dawn il-miżuri, il-ħaddiema se jirċievu somma f'daqqa ta' EUR 600 (EUR 100 fix-xahar għal massimu ta' sitt xhur) bil-kundizzjoni li jipparteċipaw fil-miżuri tal-pakkett tal-EGF.
 - Inċentivi għall-intraprenditorija Il-ħaddiema kollha li jirritornaw għall-impjieg bħala ħaddiema impjegati għal rashom jew intraprendituri se jirċievu somma f'daqqa ta' EUR 2 000 meta jkunu akkumulaw tliet xhur ta' kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali jew ikunu mexxew negozju għal tliet xhur jew aktar. Dan l-inċentiv

tfassal biex jgħin lill-ħaddiema li jaħdmu għal rashom matul l-ewwel xhur tat-twaqqif tan-negozju tagħhom.

- Taħriġ għal kwalifiki vokazzjonali: Din il-miżura għandha fil-mira li ttejjeb l-impjegabbiltà tal-ħaddiema permezz ta' taħriġ f'attivitajiet jew setturi li jiġġeneraw l-impjieg fit-territorju, ikkomplementata b'xi taħriġ orizzontali bħalma hu taħriġ f'lingwa barranija, taħriġ tal-ICT, lezzjonijiet tas-sewqan eċċ.

It-tabella ta' hawn taħt turi l-komplementarjetà ta' din il-miżura mal-miżuri ta' taħriġ li jinsabu fil-pjan soċjali ta' Lear.

L-għan tat-taħriġ	Titjib fl-aċċess għall-impjieg	Titjib fl-impjegabbiltà permezz ta':		Jittejbu l-possibilitajiet ta' ritorn għall-impjieg
		(a) Taħriġ orizzontali	(b) Taħriġ vokazzjonali	
Tip ta' taħriġ	Workshops dwar it-tagħlim tal-ħiliet ġeneriċi (eż. "kif tabbozza <i>curriculum vitae</i> ," "kif tiffaċja l-intervisti ta' selezzjoni")	Taħriġ imfassal skont il-bżonnijiet individwali (eż. taħriġ fil-lingwa, fl-ICT, liċenzja tas-sewqan)	Taħriġ f'attivitajiet jew setturi li jiġġeneraw l-impjieg fit-territorju (jiġifieri turiżmu, servizzi ta' kummerċ, eċċ)	Taħriġ għal kwalifiki vokazzjonali mfassal biex jipprovdi għall-bżonnijiet identifikati tal-intrapriżi lokali
	(Pjan Soċjali)	(EGF)	(EGF)	(Pjan Soċjali)

- L-infiq għall-implimentazzjoni tal-EGF, li huwa inkluż fl-applikazzjoni skont l-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006, ikopri l-ġestjoni, l-informazzjoni u l-pubbliċità, u attivitajiet ta' kontroll.
- Is-servizzi personalizzati ppreżentati mill-awtoritajiet Spanjoli huma miżuri attivi tas-suq tax-xogħol fi ħdan l-azzjonijiet eliġibbli definiti fl-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006. L-awtoritajiet Spanjoli jistmaw li l-ispejjeż totali ta' dawn is-servizzi huma ta' EUR 588 000 u l-ispiża għall-implimentazzjoni tal-EGF hija ta' EUR 40 000 (6,8 % tal-ammont totali). Il-kontribuzzjoni totali mitluba mill-EGF hija ta' EUR 382 200 (65 % tal-ispejjeż totali).

Azzjonijiet	Numru stmat ta' ħaddiema fil-mira	Spiża stmata għal kull ħaddiem fil-mira (EUR)	Spiża totali (l-EGF u l-kofinanzjament nazzjonali) (EUR)
Servizzi personalizzati (l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006)			

Inċentiv għall-parteċipazzjoni <i>Ayuda a la participación</i>	330	600	198 000
Inċentivi għall-intraprenditorija <i>Ayudas para el autoempleo</i>	10	2 000	20 000
Taħriġ għal kwalifiki vokazzjonali: <i>Formación para la mejora de la empleabilidad.</i>	150	2 200	330 000
Sottototal tas-servizzi personalizzati			548 000
Nefqa għall-implimentazzjoni tal-EGF (it-tielet paragrafu tal-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006)			
Tħejjija			3 000
Ġestjoni			27 000
Tagħrif u pubbliċità			5 000
Attivitajiet ta' kontroll			5 000
Sottototal tan-nefqa għall-implimentazzjoni tal-EGF			40 000
Stima tal-ispejjeż totali			588 000
Kontribut tal-EGF (65 % tal-ispejjeż totali)			382 200

26. Spanja tikkonferma li l-miżuri deskritti hawn fuq huma komplementarji mal-azzjonijiet iffinanzjati mill-Fondi Strutturali. Spanja għandha tiżgura wkoll rekord ċar tal-verifiki għall-attivitajiet iffinanzjati mill-EGF, u tikkonferma li mhu mitlub jew użat l-ebda finanzjament ieħor tal-UE għal dawn l-attivitajiet.
27. L-għanijiet ewlenin tal-programmi operattivi tal-ESF 2007-2013 għall-Katalunja huma li jippromwovu l-intraprenditorija, jippromwovu t-tagħlim matul il-ħajja tal-ħaddiema u jnaqqsu r-riskju ta' żgħażaġh li jtilqu mill-iskola kmieni, filwaqt li jiffokaw b'mod partikolari fuq l-aktar nies vulnerabbli jew nies li jinsabu f'riskju ta' esklużjoni soċjali, l-aktar il-ħaddiema żgħażaġh, jew dawk li għandhom aktar minn 45 sena, nisa u persuni b'diżabilità. Għalkemm xi wħud mill-miżuri tal-EGF, b'mod partikolari dawk relatati mal-promozzjoni tal-intraprenditorija, jistgħu jkunu simili għall-miżuri tal-FSE, xorta waħda hemm differenza bejniethom: Il-miżuri tal-EGF għandhom ċerta individwalità u karattru speċjali (huma jindirizzaw settur u popolazzjoni partikolari) u huma magħmula apposta u għandhom format intensiv. Sabiex tiġi evitata duplikazzjoni tal-miżuri tal-FSE u dawk tal-EGF għandu jkun hemm prosegwiment kontinwu tal-azzjonijiet tal-FSE u tal-EGF li għandhom l-istess għanijiet, u tal-ħaddiema kkonċernati.

Id-data/dati meta nbdew jew meta huwa maħsub li jinbdew is-servizzi personalizzati lill-ħaddiema affettwati

28. Spanja bdiet is-servizzi personalizzati għall-ħaddiema affettwati inklużi fil-pakkett koordinat propost lill-EGF għall-kofinanzjament, fl-20 ta' Lulju 2010. Din id-data għalhekk tirrappreżenta l-bidu tal-perjodu ta' eleggibbiltà għal kull għajna li tista' tingħata mill-EGF.

Proċeduri għall-konsultazzjoni mas-sħab soċjali

29. L-awtoritajiet Spanjoli jiddikjaraw li, skont l-Estatuto de los Trabajadores (l-Att dwar ir-Relazzjonijiet fl-Impjiegi), Lear infurmat lit-trade unions dwar is-sensji kollettivi u bagħtet notifikazzjoni dwar is-sensji kollettivi lill-awtoritajiet tax-xogħol. Konxji tas-sitwazzjoni diffiċli tat-territorju affettwat mis-sensji (Terres de l'Ebre), it-trade unions inkoraġġew b'mod attiv lill-awtoritajiet reġjonali u nazzjonali biex jissottomettu applikazzjoni għall-kofinanzjament tal-EGF.
30. Is-sħab soċjali, it-trade unions Comisiones Obreras u Unión General de Trabajadores u żewġ organizzazzjonijiet ta' min iħaddem: Foment del Treball u PIMEC⁹ kienu infurmati dwar il-kontenut tal-applikazzjoni tal-EGF fl-aqgħa li saret fis-7 ta' Ġunju 2010 mar-rappreżentanti tas-Servei de Ocupació de Catalunya.
31. L-awtoritajiet Spanjoli kkonfermaw li r-rekwiżiti stipulati fil-leġislazzjoni nazzjonali u tal-Komunità dwar sensji kollettivi ġew osservati.

Tagħrif dwar azzjonijiet li huma mandatorji permezz tal-liġi nazzjonali jew skont ftehim kollettiv

32. Fir-rigward tal-kriterji li jinsabu fl-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006, l-awtoritajiet Spanjoli fl-applikazzjoni tagħhom:
- ikkonfermaw li l-kontribuzzjoni finanzjarja mill-EGF ma tieħux post il-miżuri li huma r-responsabbiltà ta' kumpaniji skont il-liġi nazzjonali jew ftehim kollettiv;
 - taw prova li l-azzjonijiet jipprovdu sostenn għal ħaddiema individwali u ma' għandhomx jintużaw għar-ristrutturar ta' kumpaniji jew setturi;
 - ikkonfermaw li l-azzjonijiet eliġibbli msemmija hawn fuq ma jirċevux għajna minn strumenti finanzjarji tal-Komunità oħrajn.

Sistemi ta' ġestjoni u kontroll

33. Spanja nnotifikat lill-Kummissjoni li Lear se tiffinanzja 35 % tal-ispejjeż totali tas-servizzi personalizzati kofinanzjati mill-EGF.
34. Spanja tikkonferma li l-kontribut finanzjarju se jkun ġestit u kkontrollat mill-istess entitajiet li jġestixxu u jikkontrollaw l-ESF. Is-Servei d'Ocupació de Catalunya se tkun l-entità intermedjarja għall-awtorità amministrattiva.

⁹ Micro, petita i mitjana empresa de Catalunya (PIMEC).

Finanzjament

35. Abbażi tal-applikazzjoni minn Spanja, il-kontribuzzjoni proposta mill-EGF għall-pakkett ikkoordinat tas-servizzi personalizzati hija ta' EUR 382 200, li tirrappreżenta 65 % tal-ispiża totali. L-allokazzjoni proposta mill-Kummissjoni minn dan il-Fond hija bbażata fuq l-informazzjoni li ngħatat minn Spanja.
36. Minħabba l-ammont massimu possibbli ta' kontribuzzjoni finanzjarja mill-EGF skont l-Artikolu 10(1) tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006, kif ukoll l-ambitu tar-riallokazzjoni ta' approprjazzjonijiet, il-Kummissjoni qiegħda tippromovi li timmobilizza l-EGF għall-ammont totali msemmi hawn fuq, li għandu jiġi allokat taħt l-intestatura 1a tal-qafas finanzjarju.
37. L-ammont propost ta' kontribuzzjoni finanzjarja se jħalli aktar minn 25 % tal-ammont massimu annwali allokati għall-EGF disponibbli għal allokazzjonijiet matul l-aħħar erba' xhur tas-sena, kif mitlub mill-Artikolu 12(6) tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006.
38. Bil-preżentazzjoni ta' din il-proposta biex timmobilizza l-EGF, il-Kummissjoni qiegħda tniedi l-proċedura ssimplifikata ta' trijalogu, kif mitlub mill-Punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006, bl-għan li tikseb il-qbil taż-żewġ ferġat tal-awtorità baġitarja dwar il-ħtieġa li jintuża l-EGF u l-ammont meħtieġ. Il-Kummissjoni tistieden lill-ewwel waħda miż-żewġ ferġat tal-awtorità baġitarja li tilħaq ftehim dwar l-abbozz tal-proposta għall-mobilizzazzjoni biex, f'livell politiku xieraq, tgħarraf lill-fergħa l-oħra u lill-Kummissjoni bl-intenzjonijiet tagħha. F'każ ta' nuqqas ta' qbil minn xi waħda miż-żewġ ferġat tal-awtorità baġitarja, tissejjaħ laqgħa formali ta' trijalogu.
39. B'mod separat il-Kummissjoni tippreżenta talba ta' trasferiment biex iddaħħal fil-baġit għall-2010 approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' ħlas speċifiċi, kif mitlub mill-Punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006.

Sors tal-appropriazzjonijiet ta' ħlas

40. Fl-istat attwali ta' implimentazzjoni, huwa prevedibbli li l-appropriazzjonijiet ta' ħlas disponibbli fl-2010 skont il-linja tal-baġit 01.0404 "Programm ta' Qafas ta' Kompetittività u Innovazzjoni - Programm ta' intraprenditorija u innovazzjoni" mhux sejrin jintużaw kollha din is-sena.
41. Din il-linja tkopri n-nefqa relatata mal-implimentazzjoni tal-istrument finanzjarju ta' dan il-programm, li l-għan ewlieni tiegħu huwa li jiffaċilita l-aċċess tal-SMEs għall-finanzi. Bejn it-trasferimenti lejn il-kontijiet fiduċjarji ġestiti mill-Fond Ewropew tal-Investment u l-ħlas lill-benefiċjarji jeżisti xi ftit dewmien ta' żmien. Il-kriżi finanzjarja għandha effett kbir fuq it-tbassir fir-rigward tal-ħlasijiet għall-2010. Bħala riżultat, sabiex jiġi evitati bilanċi eċċessivi fuq il-kontijiet fiduċjarji, il-metodoloġija għall-kalkolu tal-appropriazzjonijiet ta' ħlas ġiet riveduta, filwaqt li tqiesu l-ħlasijiet mistennija. L-ammont ta' EUR 382 200 għalhekk jista' jsir disponibbli għat-trasferiment.

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni, skont il-punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-ġestjoni finanzjarja soda (applikazzjoni EGF/2010/023 ES/Lear minn Spanja)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidraw il-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-ġestjoni finanzjarja soda¹⁰, u b'mod partikolari l-punt 28 tiegħu,

Wara li kkunsidraw ir-Regolament (KE) Nru 1927/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi l-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni¹¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 12(3) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea¹²,

Billi:

- (1) Il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (EGF) twaqqaf biex jipprovdi sostenn addizzjonali għall-ħaddiema li ngħataw is-sensja minħabba tibdiliet strutturali ewlenin fix-xejriet kummerċjali dinjin dovuti għall-globalizzazzjoni u biex jiġu megħjuna fir-reintegrazzjoni tagħhom fis-suq tax-xogħol.
- (2) L-ambitu tal-EGF twessa' għal applikazzjonijiet imressqa mill-1 ta' Mejju 2009 biex jinkludi s-sostenn għall-ħaddiema li ngħataw is-sensja bħala riżultat dirett tal-kriżi finanzjarja u ekonomika globali.
- (3) Il-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 jippermetti l-mobilizzazzjoni tal-EGF fi ħdan il-limitu massimu annwali ta' EUR 500 miljun.
- (4) Spanja ressqet applikazzjoni għall-mobilizzazzjoni tal-EGF, fir-rigward ta' sensji fl-intrapriża ta' Lear, fit-23 ta' Lulju 2010 u ssupplimentatha b'informazzjoni addizzjonali fl-10 ta' Awwissu 2010. Din l-applikazzjoni tikkonforma mar-rekwiżiti għad-determinazzjoni tal-kontribuzzjonijiet finanzjarji stabbiliti fl-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006. Il-Kummissjoni għalhekk tippromponi li jiġi mobilizzat ammont ta' EUR 382 200.

¹⁰ ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1.

¹¹ ĠU L 406, 30.12.2006, p. 1.

¹² ĠU C [...], [...], p. [...].

- (5) L-EGF għandu, għalhekk, jiġi mobilizzat sabiex jipprovdi kontribuzzjoni finanzjarja għall-applikazzjoni mressqa minn Spanja.

IDDEĊIDEW KIF ĠEJ

Artikolu 1

Għall-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2010, il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (EGF) għandu jiġi mobilizzat biex jipprovdi s-somma ta' EUR 382 200 f'approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' ħlas.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi,

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President